MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Numru. 144/2007

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jason Michael Abela**

**Illum, 19 ta' Settembru 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jason Michael Abela ta’ 36 sena, iben Alfred u Frances xebba Lomiglio, imwieled Carlton, Victoria (Awstralja), nhar il-4 ta’ Jannar 1971, residenti fil-fond numru 6, Graham Court, Graham Street, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` numru 256300(L):

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fid-29 ta’ Ottubru 2003 u fl-ahhar tlett xhur qabel din id-data, b’diversi azzjonijiet li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

> il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordnalu jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi l-fatt li taw lok ghal dan il-kaz, fil-qosor, kienu s-segwenti: Fit-30 ta' Awwissu 2003, Mary Portelli marret gewwa l-Ufficju tal-Iskwadra kontra d-Droga, ghaddiet hamest iqratas eroina li kienu jinsabu fuqha u rrilaxxjat stqarrija fejn qalet illi kemm hi, kif ukoll certu Roger Sciberras, li dak iz-zmien

kienet tghix mieghu, kienu ilhom ibieghu d-droga eroina ghall-ahhar xahar. Indikat ukoll lill-Pulizija fejn Sciberras kellu xi droga mohbija u oggetti ohrajn relatati bhal mizien, flus u deheb. Indikat ukoll illi fil-jum ta’ qabel, Sciberras u hi kienu hbew xi 20 gramma eroina fil-ventilatur tal-kamra tal-banju ta’ proprjeta` gewwa Birkirkara. Qalet ukoll illi t-tnejn kienu jmorru jixtru d-droga flimkien, izda ma xtaqitx issemmi min kien il-fornitur taghhom, ghaliex skond hi, ma xtaqitx iggibu fl-inkwiet. Hija kkonfermat ukoll din l-istqarrija bil-gurament taghha ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-31 ta’ Awwissu 2003.[1]

Fuq din l-informazzjoni, il-Pulizija ghaddiet biex tarresta u tinvestiga lil Roger Sciberras u minn tfittxija li saret gewwa r-residenza tieghu, gew elevati mizien u oggetti ohrajn relatati mal-abbuz tad-droga, kif ukoll flus u deheb. Gewwa fond iehor f’Birkirkara, proprjeta` ta’ Portelli jew ta’ bintha u li ghalih kellu access ukoll l-istess Sciberras, instabu 20 gramma eroina gewwa ventilatur. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija fil-31 ta’ Awwissu 2003[2], Sciberras indika lill-persuna li kien fornieh *inter alia* bid-droga li kienet instabet fil-fond gewwa Birkirkara bhala t-Turan, certu Jason ossia l-imputat odjern.

Kemm Portelli, kif ukoll Sciberras tressqu l-Qorti akkuzati bi traffikar u pussess aggravat ta’ droga eroina u skond il-fedina penali rispettiva taghhom, huma gew ikkundannati ghal sitt xhur u seba’ xhur prigunerija rispettivament, apparti piena ta’ multa.[3]

Sussegwentement fid-29 ta’ Ottubru 2003, ghall-habta tal-10.00 a.m., Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga kienu waqqfu lill-imputat gewwa Tower Road, Sliema waqt li kien fil-vettura tieghu flimkien mat-tfajla tieghu, certu Jacqueline Farrugia u tarbija u minn fuq is-*seat* tax-xufier, elevaw pakkett tas-sigaretti li fih instabu tmint iqratas bi trab kannella. In oltre minn *cupboard* fil-kcina tar-residenza tieghu, gewwa Graham Street, Sliema, giet elevata wkoll

[1] A fol. 109 *et seq* tal-process.
[2] Esebita a fol. 126 tal-process bhala Dok. AC3.
[3] Il-fedini penali ta’ Portelli u Sciberras jinsabu esebiti a fol. 166 *et seq* tal-process.

mill-Pulizija bajda tal-*Kinder* li kien fiha xi tracci ta' trab suspettat droga. Mir-residenza tieghu, kienu gew elevati wkoll xi flus[4] ossia elf u seba' mitt Lira Maltin, disa' mija u hmistax-il Euro, sitt mija u hmistax Dollari Awstraljani, tmenin Lira Sterlina u Dollaru Amerikan[5]. Skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta dwar din is-sejba, fit-trab kannella li kien hemm f'dawn it-tmint iqratas, f'ammont nett totali ta' 1.904 grammi, instabet is-sustanza eroina, fil-waqt illi fil-kontenitur misjub fir-residenza tieghu, instabu tracci tal-eroina.[6]

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud u mill-kopja vera tar-relazzjoni tieghu li tinsab esebita fl-atti, liema espert kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta dwar is-sejba tad-droga ghand Mary Portelli u Roger Sciberras, illi kemm fit-trab li kien jinsab fil-hamest iqratas li ghaddiet Mary Portelli lill-Pulizija fit-30 ta' Awwissu 2003, kif ukoll fil-boroz li nstabu fil-ventilatur tal-kamra tal-banju fil-fond gewwa Birkirkara, f'ammont nett totali ta' 20.332 grammi, instabet fih is-sustanza eroina.[7]

Fit-30 ta' Ottubru 2003, l-imputat irrilaxxja stqarrija[8] fejn qal illi huwa kien guvni u li kien jghix wahdu fil-fond gewwa Triq Graham, Sliema. Qal ukoll illi ma kienx jahdem u li kien ilu xi sena u xahrejn wieqaf mix-xoghol. Qabel kien jahdem bhala *receptionist* gewwa l-Metropole Hotel, Sliema. Qal ukoll li juza Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni ABH 651, liema vettura kienet ta' missieru u li kellu mutur Gilera li kien gie misruq xi t-18 jew 19 ta' Settembru

---

[4] Dwar id-dettalji tac-cirkostanzi li fihom l-imputat gie mwaqqaf u tat-tfittxijiet li sarulu fil-vettura u fir-residenza tieghu, xehdu ex-PS 951 Joseph Tonna (a fol. 18 *et seq* tal-process), PC 563 Jason Caruana (a fol. 23 *et seq* tal-process), PC 10 Trevor Cassar Mallia (a fol. 26 *et seq* tal-process), PC 1220 Chris Baldacchino (a fol. 30 *et seq* tal-process) u WPC 119 Cynthia Haber (a fol. 75 *et seq* tal-process).
[5] Ara ricevuta esebita a fol. 12 tal-process.
[6] Ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud tinsab esebita a fol. 6 *et seq* tal-process verbal dwar l-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz, liema process verbal jinsab esebit a fol. 17 tal-process.
[7] Ara kopja vera tar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud esebita bhala Dok. AC 2, a fol. 126 tal-process u x-xhieda tal-istess Spizjar Mifsud a fol. 116 u 117 tal-process.
[8] A fol. 10 *et seq* tal-process.

2003[9]. Qal illi l-laqam tieghu huwa t-Turan. Mill-bqija l-imputat ghazel li jezercita d-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma wegibx ghad-domandi li sarulu.

F'dawn il-proceduri xehdet **Maria Portelli**[10], li kkonfermat illi fit-30 ta' Awwissu 2003, hija kienet marret gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fejn irrapportat illi Roger Sciberras li dak iz-zmien kien il-*partner* taghha, li kienet ilha mieghu xi tlett xhur u kienet tghix mieghu gewwa l-Gzira, kien ibiegh id-droga eroina. Mistoqsija jekk hi kinitx tbiegh droga, wiegbet fin-negattiv, izda qalet illi kienet tkun mieghu. Meta kienet tghix mieghu, Roger kien igib id-droga eroina. Kienet ma' Roger qabel giet arrestata izda wara ma baqghux flimkien. Hija xehdet illi sabiex igib id-droga, Roger kien jiltaqa' ma' wiehed – l-imputat – u Roger kien jghidilha li dan kien jaghtih id-droga. Xehdet ukoll illi gieli marret mieghu biex jiltaqghu mal-imputat u kienet tibqa' ma' Roger fil-karozza, izda l-imputat izjed kien imur id-dar. Kif kien jasal l-imputat gewwa d-dar, Roger kien ikecciha u kienet toqghod fil-kcina. Qalet illi l-imputat kien imlaqqam it-Turan u li hi kienet tarah u li kienet certa li kien l-imputat. Hija spjegat fejn kienu jiltaqghu mal-imputat gewwa Tas-Sliema u li l-imputat kien jigi bil-mutur, li kien zghir bhal lambretta. Id-dar ukoll kien imur bil-mutur. Id-*deal* ma kienx isir quddiemha ghaliex Roger kien jinzel jinnegozzja hu mieghu, qalet li hu u Roger kienu hbieb u li hi ma kinitx tafu. Dan sehh kemm il-darba fi tlett xhur, ghalkemm ma kinitx tiftakar kemm il-darba. Xehdet ukoll illi meta kienu jixtru minghandu biex jinqdew huma – ghaliex hi kienet tabbuza mid-droga – Roger kien imur kuljum u kien jixtri zewg pakketti tal-ghaxar Liri Maltin, izda meta Roger kien ibiegh kien jixtri bil-kwantita` u mhux bil-pakketti. Xehdet li l-ahhar ammont li Roger kien xtara minghand l-imputat kien ta' ghoxrin gramma eroina, b'referenza ghal meta hija kienet marret ghand il-Pulizija, izda dakinhar Roger ma kienx hallsu taghhom lill-imputat. Kellu jhallsu xi Lm700. Dan l-ammont kien inxtara xi jumejn qabel hija marret ghand il-Pulizija. In kontro-ezami, Portelli xehdet illi kienet hi li marret ghand il-Pulizija meta giet arrestata u li ghalkemm kellha kopja tal-istqarrija li hija rrilaxxjat, hija kienet qattghatha.

---

[9] Mill-okkorrenza esebita a fol. 80 *et seq* tal-process, jirrizulta illi fil-fatt fl-10 ta' Settembru 2003, l-imputat kien ghamel rapport illi dakinhar stess ghall-habta tal-10.45 a.m., huwa ma kienx sab il-mutur tieghu tal-marka Piaggio, liema mutur huwa kien hallieh parkeggjat gewwa Triq Graham, Sliema.
[10] A fol. 63 *et seq* tal-process.

Qalet illi fl-istqarrija, hija kienet qalet dak li qalet fix-xhieda taghha, inkluz dwar minn fejn kienet tigi d-droga.

Xehed ukoll **Roger Sciberras**[11] li qal illi f'Awwissu 2003 huwa kien gie investigat flimkien ma' Maria Portelli li dak iz-zmien kien qieghed maghha u li kien dam maghha xi erba' jew hames xhur, qabel gie arrestat. Wara li hareg mill-habs kien ghamel xi xahrejn maghha. Kienu jghixu flimkien gewwa l-Gzira. Dak iz-zmien kellu l-vizzju tad-droga eroina, ma kienx jahdem, il-Pulizija kienu sabulu 20 gramma eroina f'fond gewwa Birkirkara li kien ta' Maria Portelli u li kien skonta piena ta' prigunerija dwar traffikar u pussess tad-droga. Qal illi d-droga li kienet instabet kienet tieghu u ta' Portelli u li d-droga kien igibha minghand l-imputat. Qal ukoll illi kienet dik id-darba – b'referenza ghall-ghoxrin gramma eroina – li kien xtara minghand l-imputat u li f'dik l-okkazzjoni, l-imputat kien mar id-dar tieghu. Il-laqam tal-imputat kien it-Turan. Qal li minghalih li kien xtraha xi Lm800 u li kien xtraha bid-dejn. L-imputat kien hadlu d-droga d-dar. Qal illi ma kienx jiftakar sew, izda jahseb li dik kienet l-ewwel okkazzjoni li kien xtara minghand l-imputat. Jaf li l-imputat kien joqghod Tas-Sliema, jista' jkun li Triq Graham, izda qatt ma kien mar ghandu, ghalkemm darba kien rah diehel hemm. Jaf li kellu mutur zghir, izda ma ftakarx x'karozza kellu. Meta saritlu referenza ghall-istqarrija li kien irrilaxxja lill-Pulizija, fis-sens illi huwa kien xtara minghand l-imputat f'xi hames okkazzjonijiet – daqqa f'ammont ta' tletin gramma, ghaxar grammi u hames grammi u li kien fadallu d-dejn fir-rigward tal-ahhar ghoxrin gramma li xtara, ix-xhud wiegeb, b'referenza ghall-ghoxrin gramma, li dawn ma hallasx taghhom u rega' qal li kien xtara f'okkazzjoni wahda. Qal li forsi kien gideb fl-istqarrija, izda rega' kkonferma li kienet il-verita` li kien xtara ghoxrin gramma minghand l-imputat.

Xehed ukoll **l-imputat**[12] li qal illi huwa kien hiereg jew diehel id-dar, ghaliex nesa d-dettalji u x'hin nizel qabzu fuqu l-Pulizija u sabulu ammont zghir ta' droga eroina. Id-droga kienet imqassma f'pakketti, minghalih xi erba' jew hamsa u kienet ghall-uzu personali tieghu. Xehed illi huwa harigha mieghu

[11] A fol. 85 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 132 *et seq* tal-process.

ghaliex kien jiehu ftit kuljum u kien iqassamha ghax kien jehodha barra. Qal illi huwa ma kienx jabbuza mid-droga gewwa d-dar minhabba t-tfal. Qal illi dak iz-zmien kellu tfajla gdida li ma kinitx taf li kien jabbuza mid-droga u kellu t-tfal zghar u ghalhekk ma kienx jabbuza mid-droga fid-dar, izda gieli go karozza u gieli go garaxx tan-nies. Dak iz-zmien kien jiehu l-eroina bis-siringa. Fir-rigward tal-allegazzjoni li huwa kien forna d-droga eroina, huwa xehed illi huwa kien jaf lil Roger Sciberras mit-triq u li kien ikun Testaferrata, fejn kienet tahdem il-*partner* tieghu, Mary Portelli. Qal illi huwa gieli kien imur jara lil Roger Sciberras hemmhekk sabiex jinqeda minghandu, li Sciberras kien inqabad b'ghoxrin gramma eroina u li dan kellu daqsxejn ta' tikketta ghalih ghaliex kien jahseb li hu jiffansja lit-tfajla tieghu – b'referenza ghal Portelli. U ghalhekk, skond hu, Sciberras xehed illi huwa kien bieghlu xi affarijiet. Qal illi waqt li kien qed jigi investigat mill-Pulizija dwar il-qratas li nstabulu, lilu qatt ma ssemmewlu Portelli u Sciberras. Anzi lil Sciberras huwa kien jarah barra u dan kien baqa' jkellmu u kien qallu li ma baqax igerfex, izda ma kien qallu xejn izjed. Qal illi huwa gieli kien ikellem lil Portelli u kienet tghidlu li Sciberras kien sawwatha u li kien dejjaqha. Huwa ma kienx jidhol f'dawn l-affarijiet, izda darba taha flixkun fwieha "*u nahseb minn hemm bdiet il-bomba. U qisu beda hadd ma jista' jkellimha lil din. U wehilt jien ma rasu*".[13] Fir-rigward tal-flus li nstabu fil-pussess tieghu, huwa xehed illi dawn kienu flus li huwa kien ser jutilizza biex jiehu lil bintu gewwa l-Amerika ghat-terapija. Dak iz-zmien it-tifla kellha xi erba' jew hames snin. Qal illi dawn il-flus instabu d-dar, flimkien mal-passaporti u l-karti li esebixxa dwar il-programm li kienet ser taghmel bintu u li dak iz-zmien huwa kien ghadu kif jispicca jahdem mill-Metropole Hotel.

In kontro-ezami, l-imputat ikkonferma illi l-laqam tieghu huwa Turan. Ikkonferma li dak iz-zmien kellu Kia Avella u kellu wkoll mutur Gilera, li kien insteraqlu. Ikkonferma illi s-sustanza misjuba fil-pussess tieghu kienet eroina u li mieghu dakinhar kien hemm Jacqueline Farrugia, li kienet it-tfajla l-gdida li semma fix-xhieda tieghu. Dak iz-zmien kien joqghod Graham Street, Sliema, vicin fejn twaqqaf, il-fond kien xtrah b'self mill-bank u kien ihallsu hu, Lm80. Meta gie suggerit lilu li ma kienx jahdem dak iz-zmien, huwa wiegeb li kien jahdem il-Metropole Hotel u li kien ghadu kif waqaf. Ikkonferma li ilu zmien

[13] A fol. 136 tal-process.

jiehu d-droga u mistoqsi kemm kien ilu, rega’ wiegeb li kien ilu. Mistoqsi kif allura nstab b’dawk l-ammonti ta’ flus fuqu meta kien *heavy user* tad-droga, huwa wiegeb illi huwa ma kienx qal illi kien *heavy user* izda li kien ilu juza d-droga. Mistoqsi kemm kien juza dak iz-zmien, qal illi nesa ezatt kemm kien jiehu u li dahal programm ghax induna li kellu problema u qal li xoghol dejjem kellu minn meta kellu tmintax-il sena. Wara qal li kien juza massimu ta’ tlett pakketti droga kuljum. Mistoqsi allura x’kien qed jaghmel barra bit-tmien pakketti, meta ma kienx juza izjed minn tlieta kuljum, l-imputat wiegeb li kien ser jahbihom barra ghaliex it-tfajla li kellu dak iz-zmien ma kinitx tuza droga. Ghalkemm it-tfajla kienet mieghu fil-hin li marru fuqu l-Pulizija, ma kinitx taf li kienu qeghdin fuqu. Qal illi d-droga kienet fuqu, mar igib il-pakketti, ghamilhom fil-but u mar iwassal lit-tifla u lit-tfajla u kien ser imur jahbi d-droga xi mkien. Il-pakketti kienu ilhom ghandu xi saghtejn. B’referenza ghal dak li kien xehed Sciberras u li huwa kien jixtri f’ammonti anke ta’ ghoxrin gramma minghandu, huwa wiegeb illi Sciberras kien xehed illi huwa kien tah id-droga biss fid-darba li nqabad, izda li huwa ma kienx tah droga lil Sciberras u li huwa ma jbieghx droga. Rega’ qal illi huwa kien *user* tad-droga u meta gie ssuggerit lilu li ma jiehux tminn pakketti kuljum, qal illi ilu ghaddej bil-vizzju u li dan il-vizzju gieli jkun gholi u gieli baxx u li huwa qassam il-pakketti biex ma juzahomx f’darba. Qal illi meta nqabad mill-Pulizija, huwa kien ilu xi seba’ xhur ma jahdimx.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, l-imputat gie akkuzat talli forna d-droga eroina fid-29 ta’ Ottubru 2003 u fit-tlett xhur ta’ qabel u fit-tieni lok illi fl-istess zmien, huwa kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u dan f’cirkostanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (a) u cioe` dik li tikkontempla t-traffikar tad-droga eroina, il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet opposti ossia dik tax-xhieda ta’ Mary Portelli u Roger Sciberras, li jghidu illi Roger Sciberras akkwista l-

eroina minghand l-imputat fiz-zmien in kwistjoni u dik tal-istess imputat li jinnega illi huwa qatt biegh jew ghadda xi eroina lil Sciberras jew lil haddiehor.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ossia Mary Portelli u Roger Sciberras, li huma kategorici meta jghidu li Sciberras xtara l-eroina minghand l-imputat u min-naha l-ohra lix-xhieda tal-imputat li jichad illi huwa biegh xi droga eroina lil Sciberras. Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra.

Il-Qorti fliet bir-reqqa kemm ix-xhieda moghtija minn Mary Portelli u Roger Sciberras, kif ukoll ix-xhieda tal-imputat f'dawn il-proceduri. Fir-rigward ta' Mary Portelli, ghalkemm din ikkonfermat l-istqarrija rilaxxjata minnha, bil-gurament, quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dak l-istadju hija indikat biss l-

involviment taghha u ta' Roger Sciberras fil-bejgh tad-droga eroina, izda ma xtaqitx issemmi lill-persuna li kienet tforni lil Sciberras bl-eroina. Kien f'dawn il-proceduri, ossia wara li hi u Sciberras skontaw sentenza ta' prigunerija in konnessjoni ma' traffikar ta' eroina, li Portelli indikat lill-imputat bhala l-persuna li kien iforni lil Sciberras bid-droga. Min-naha tieghu, Sciberras ghalkemm ma jidhirx li kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, bil-gurament, *a tempo vergine* ammetta li huwa kien iforni l-eroina u indika wkoll lill-imputat bhala l-persuna li kienet tfornieh bl-istess eroina. F'dawn il-proceduri, imbaghad, Sciberras rega' kkonferma illi huwa kien akkwista ghoxrin gramma eroina minghand l-imputat, ghalkemm qal illi kienet biss f'dik l-okkazzjoni li huwa xtara d-droga minghandu.

Hawnhekk il-Qorti qed taghmilha cara illi minkejja li l-istqarrija ta' Sciberras giet esebita fl-atti ta' din il-kawza, il-Qorti ma strahet <u>bl-ebda mod</u> fuq din l-istqarrija, kif wara kollox ghandu jirrizulta mill-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti izjed l'isfel, izda qaghdet esklussivament fuq dak li xehed l-istess Sciberras quddiem il-Qorti f'dawn il-proceduri. Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Victor Gauci**</u>, deciza fis-26 ta' Jannar 2001, "*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le.*" U huwa proprju dan li qed taghmel il-Qorti fil-kaz odjern. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi sa mill-bidu nett, Sciberras, fil-waqt illi ammetta li huwa stess kien jitraffika d-droga eroina, indika lill-imputat bhala l-persuna li kienet tfornieh bl-istess droga, liema verzjoni imbaghad zamm maghha matul dawn il-proceduri, hlief ghal diskrepanza dwar id-drabi li l-imputat kien fornieh

bl-eroina, huwa wiehed mill-fatturi li nghata piz minn din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-kredibilita` o meno ta' dan ix-xhud.

Issa f'dan il-kaz, kemm Portelli kif ukoll Sciberras jaqblu fix-xhieda taghhom illi kien l-imputat li forna lil Sciberras bl-ghoxrin gramma eroina li kienet instabet fil-pussess taghhom, apparti illi Portelli tmur oltre minn dan u tindika lill-imputat bhala l-fornitur ta' Sciberras fiz-zmien li hija kienet tghix mal-istess imputat u cioe` f'perjodu ta' madwar tlett xhur. Apparti din id-diskrepanza, madankollu, Portelli u Sciberras jaqblu fid-dettalji li huma jaghtu – u cioe` illi l-imputat kien mar id-dar ta' Sciberras meta fornieh bl-ghoxrin gramma, li Sciberras xtraha bil-prezz ta' Lm700 (skond Portelli) u xi Lm800 (skond Sciberras) u li Sciberras kien xtara dawn l-ghoxrin gramma bid-dejn minghand l-imputat. It-tnejn li huma ndikaw illi l-imputat kien isuq mutur zghir, kif jammetti l-imputat stess kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu u f'dan ir-rigward ghalkemm fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza tattakka l-kredibilita` tax-xhieda ta' Portelli – li qalet illi meta l-imputat kien jiltaqa' maghhom gewwa Tas-Sliema jew inkella kien imur id-dar ta' Sciberras, huwa kien jigi bil-mutur – billi ssostni illi fiz-zmien illi Portelli tirreferi ghalih ossia fil-31 ta' Awwissu 2003 u fit-tlett xhur ta' qabel, il-mutur kien diga` insteraq lill-imputat, jirrizulta car mill-okkorrenza prodotta, illi fl-10 ta' Settembru 2003 l-imputat kien irrapporta illi ma sabx il-mutur tieghu fejn kien hallieh u li l-ahhar li kien rah kien fil-jum ta' qabel. Ghalhekk jirrizulta car illi huwa minnu illi fiz-zmien li jirreferu ghalih Portelli u Sciberras, l-imputat kien fil-fatt isuq mutur zghir. In oltre, Sciberras jindika illi l-imputat kien jghix gewwa Tas-Sliema u jghid li jista' jkun li kien joqghod Triq Graham, fejn fil-fatt kien jghix l-imputat u Portelli tghid ukoll illi Sciberras u hi gieli ltaqghu Tas-Sliema (skond l-ispjegazzjoni taghha, lejn Dingli Street) mal-imputat sabiex jghaddilhom id-droga. Tenut kont illi l-imputat dak iz-zmien kien fil-fatt jghix gewwa Tas-Sliema, huwa tassew verosimili dak li tghid Portelli fir-rigward tal-post li fih kienu jiltaqghu mal-imputat sabiex jakkwistaw id-droga minghandu, apparti li tghid li l-imputat kien jigi bil-mutur.

Issa fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza tattakka l-kredibilita` ta' dawn iz-zewg xhieda billi fl-ewwel lok, tissottolinea il-karattru ta' dawn in-nies b'referenza partikolari ghall-fedina penali taghhom u fit-tieni lok, billi tghid illi Portelli u Sciberras ghazlu li jitfghu kollox fuq l-imputat ghaliex kienu nqabdu huma u li Portelli ndikat lill-imputat kwazi kwazi ghaliex bezghet minn Sciberras li kien il-*pimp* taghha, kien isawwatha u skond id-difiza, kien ghadu kif taha xebgha hadida u fethilha rasha qabel ghamlet ir-rapport taghha kontra Sciberras. Fir-rigward ta' Sciberras, imbaghad, skond l-imputat, dan kellu ghalih ghaliex kien ta xi flixkun fwieha lil Portelli, li dak iz-zmien kienet it-tfajla ta' Sciberras.

Huwa veru illi l-fedina penali tax-xhieda Portelli u Sciberras m'hix xi wahda netta, izda lanqas ma ghandhom xi fedina penali li ma tispicca qatt. Jirrizulta mill-fedina penali ta' Portelli illi apparti li nstabet hatja talli offendiet il-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'post pubbliku (f'zewg okkazzjonijiet) u dwar tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, hija giet ikkundannata dwar traffikar ta' droga eroina fis-sena 2004, b'referenza ghal reat li sehh fis-sena 1999 (li dwaru hija titkellem fl-istqarrija guramentata taghha) u fis-sena 2006, b'referenza ghar-reat li sehh f'Awwissu 2003 u fix-xhur ta' qabel u cioe` proprju r-reat li marret tirrapporta hi stess lill-Pulizija fit-30 ta' Awwissu 2003. Mill-fedina penali ta' Sciberras, imbaghad, jirrizulta illi huwa kien gie misjub hati ta' pussess illegali tar-raza tal-*cannabis*, ta' traffikar tad-droga eroina in konnessjoni mal-kaz tat-30 ta' Awwissu 2003 u ricentement dwar reat bi ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid jigi sottolineat ukoll illi Portelli u Sciberras ma kinux gew maqbuda mill-Pulizija, izda kienet Portelli stess li kienet marret tirrapporta kemm lilha nnifisha, kif ukoll lil Sciberras ghaliex skond hi, kienet xebghet f'dik il-hajja u dan anke ghaliex, kif tghid fl-istqarrija guramentata taghha, Sciberras kien anke jsawwatha. Biss f'dak l-istadju Portelli ma kixfitx lill-imputat. U ghalkemm verament jidher illi Sciberras kien isawwatha, kif tghid hi fl-istqarrija taghha, indikat ukoll illi qatt m'ghamlilha xi griehi gravi u ghalhekk din l-istorja tad-difiza illi Sciberras kien fethilha rasha b'hadida u li kien ghalhekk li ndikat lill-imputat ghaliex kienet tibza' minn Sciberras, ma tirrizulta minn imkien mill-provi. Anzi mill-provi jirrizulta proprju illi ghalkemm Sciberras kien verament isawwat lil Portelli, biss Portelli mhux talli ma bezghetx minnu, talli marret tirrapporta li kemm hi, kif ukoll Sciberras kienu qeghdin

ibieghu d-droga eroina u tat id-dettalji kollha dwar dan, inkluz il-post fejn kienu gew mohbija l-ghoxrin gramma eroina li kien ghadu kemm xtara Sciberras. U meta mbaghad Sciberras gie investigat mill-Pulizija dwar dak il-kaz, huwa mill-ewwel ammetta illi kien jitraffika d-droga eroina u indika mill-ewwel illi kien l-imputat li kien ifornih bid-droga. Hawn ghalhekk ma kienx kaz fejn Portelli u Sciberras inqabdu mill-Pulizija u ppruvaw jispustaw il-htija fuq terza persuna ossia l-imputat, izda wara li huma stess ammettew ghall-htija taghhom dwar traffikar, indikaw lill-imputat bhala l-persuna li kienet tfornilhom l-eroina. Kemm Sciberras, kif ukoll Portelli diga` kienu skontaw il-piena taghhom meta gew biex jixhdu f'dawn il-proceduri u ghalhekk tista' tghid li ma kellhomx wisq interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri. Ghalkemm imbaghad l-imputat jghid illi Sciberras kellu ghalih ghaliex kien jahseb li huwa kellu grazzja ma' Portelli u li xi darba l-istess imputat kien taha xi fwieha, biss f'dawn il-proceduri Sciberras jidher li pprova jtaffi l-pjaga ghall-imputat tant li qal illi kienet biss f'okkazzjoni wahda li kien xtara l-eroina minghand l-imputat u min-naha l-ohra kienet Portelli li ndikat illi Sciberras kien kostantement jixtri d-droga minghand l-imputat. In oltre ghalkemm id-difiza kellha kull opportunita` li taghmel dan, lanqas ma gabet xi prova sabiex tikkorrobora l-verzjoni tal-imputat fis-sens illi huwa kien ta xi fwieha lil Portelli, bhal per ezempju permezz ta' domandi in kontro-ezami lill-istess Portelli jew lil Sciberras. Anke l-mod kif xehed l-imputat dwar din l-ghotja tieghu lil Portelli - "*u __nahseb__ minn hemm bdiet il-bomba. U __qisu__ beda hadd ma jista' jkellimha lil din. U wehilt jien ma rasu*" – jindika li din kienet izjed impressjoni tal-imputat milli xi fatt reali, tant li l-imputat lanqas ma jghid per ezempju, illi Sciberras kien affrontah dwar din il-kwistjoni. Dan apparti illi Portelli stess tghid illi hija lanqas biss kienet tafu lill-imputat, izda li l-imputat kien habib ta' Sciberras.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi hija izjed attendibbli l-verzjoni ta' Portelli u Sciberras minn dik tal-imputat li jichad illi huwa biegh xi droga eroina lil Sciberras. Mill-provi prodotti, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat kien ibiegh id-droga eroina lil Sciberras u li dan ghamlu f'izjed minn okkazzjoni wahda, kif tghid Portelli fix-xhieda taghha, li hija ferm izjed kredibbli f'dan ir-rigward minn Sciberras, li jghid li xtara d-droga eroina minghand l-imputat f'okkazzjoni wahda, meta l-ammont li xtara f'dik l-

okkazzjoni ma kienx ta' xi gramma jew tnejn, izda ben ghoxrin gramma. Dan apparti illi fix-xhieda tieghu, f'punt minnhom, meta mistoqsi dwar dan, Sciberras jghid "*Ma niftakarx sew* *imma* *nahseb* *l-unika okkazzjoni li xtrajt minghandu*"[14].

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-imputazzjoni (b), l-imputat jinsab akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, huwa kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u dan f'cirkostanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, *"kull kaz hu differenti*

[14] A fol. 91 tal-process.

*mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Issa apparti illi sabiex l-imputat seta' jforni lil Roger Sciberras bid-droga eroina, huwa necessarjament kien fil-pussess (aggravat) ta' tali droga, fid-29 ta' Ottubru 2003, l-imputat inqabad ukoll mill-Pulizija fil-pussess ta' tmint iqratas bid-droga eroina. Il-piz tat-trab misjub f'dawn il-qratas kien f'ammont totali ta' 1.904 grammi u l-pizijiet rispettivi ta' l-istess qratas kienu s-segwenti: 0.340 grammi, 0.424 grammi, 0.217 grammi, 0.162 grammi, 0.136 grammi, 0.204 grammi, 0.208 grammi u 0.213 grammi. Dawn instabu fil-vettura tieghu, fuq is-*seat* tax-xufier, gewwa pakkett tas-sigaretti.

Skond l-imputat, dawn il-qratas kienu ghall-uzu personali tieghu u kienu qeghdin fuqu, barra mid-dar, ghaliex huwa kellu tfajla gdida li ma kinitx taf li huwa kien jabbuza mill-eroina u anke ghaliex huwa ma kienx ikun irid jabbuza mid-droga gewwa d-dar quddiem uliedu, li dak iz-zmien kienu ghadhom zghar. Hareg id-droga mieghu ghaliex kien jiehu ftit kuljum u kien iqassam id-droga fi qratas sabiex jehodha barra mid-dar u ma jiehux id-droga f'darba.

Fl-ewwel lok, jibda biex jinghad illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat qal illi huwa <u>jghix wahdu</u> fil-fond gewwa Graham Street, Sliema. Mela allura ma jidhirx illi wliedu u t-tfajla kienu jghixu mieghu f'dan il-fond, kif jipprova jaghti l-impressjoni l-imputat fix-xhieda tieghu, u anke jekk ghall-grazzja tal-argument, dawn kienu jqattghu xi hin mieghu fl-istess fond, din ma kinitx raguni valida

ghalfejn hu kellu joqghod jigri barra bi tmint iqratas tal-eroina. Mhux biss, izda fir-residenza tieghu nstabet bajda tal-*plastic* tal-Kinder bi tracci tal-eroina, li jindika ghalhekk illi l-imputat ma tantx kien joqghod attent biex iwarrab id-droga mill-fond tieghu.

Fit-tieni lok, l-imputat instab fil-pussess ta' somma konsiderevoli ta' flus – u cioe` Lm1700, Eur 915, 615 Dollari Awstraljani, 80 Lira Sterlina u Dollaru Amerikan. Ghalkemm l-imputat fix-xhieda tieghu jghid illi kien dejjem jahdem, minn meta kellu tmintax-il sena u jipprova jaghti x'jifhem li kien ghadu kif waqaf mix-xoghol, fl-istqarrija tieghu jghid illi huwa kien ilu dizokkupat ghal xi <u>sena u xahrejn</u>. In oltre mill-istess xhieda tal-imputat jirrizulta illi huwa kien ihallas self in konnessjoni mal-fond fejn kien jghix, liema hlas kien jammonta ghal Lm80 (wiehed jassumi li dawn kien ihallashom fix-xahar). L-imputat jghid li dawn il-flus li nstabu fil-pussess tieghu kienu intizi sabiex isiefer lil bintu ghal programm gewwa l-Istati Uniti stante li din kellha dizabilita`. Lodevoli kemm kienu lodevoli l-isforzi tal-imputat, madankollu fir-rigward ta' dawn il-flus, il-punt m'huwiex ghalxiex kienu intizi dawn il-flus, izda l-provenjenza taghhom. Mela hawnhekk si tratta ta' persuna li kienu ilu ghaddej bil-vizzju tad-droga ghal zmien twil u dan b'ammissjoni tieghu stess, tant illi jidher illi anke waqt dawn il-proceduri kien ghadu ghaddej b'dan il-vizzju, ben disa' snin wara li nqabad fil-pussess tal-eroina u jidher ukoll li kellu problema serja. Ghalkemm huwa ma jammettix li kien *heavy user* tad-droga u jinsisti kemm il-darba waqt ix-xhieda tieghu li kien biss *user*, huwa stess jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, kien jiehu tlett pakketti eroina kuljum, li jindika li kien jabbuza sew mid-droga eroina u li l-problema kienet wahda serja. Isegwi illi la darba l-imputat kien jabbuza minn tlett pakketti kuljum, kif jghid hu stess, kien jonfoq tal-inqas Lm15 kuljum fuq droga (u hawn il-Qorti qed tkun konservattiva hafna ghaliex qed tqis illi pakkett kien jinxtara biss b'Lm5). Isegwi wkoll illi l-imputat kien jonfoq tal-inqas Lm420 fix-xahar fuq droga biss (Lm15 x 7 jiem x 4 gimghat), apparti li kien ihallas self ta' Lm80 fix-xahar in konnessjoni mal-fond li fih kien jabita, kellu t-tfal u ried jghix. U dan meta l-imputat mhux talli ma kienx qed jahdem talli kien ilu wieqaf mix-xoghol ghal madwar sena u xahrejn u kien addirittura rnexxielu jgemma' somma flus li kienet teccedi €5,000!

F'dawn ic-cirkostanzi, huwa tassew inverosimili illi l-imputat ma kellux dhul iehor minn banda ohra sabiex imantni l-vizzju tieghu. L-imputat ma seta' qatt isostni l-vizzju tieghu minghajr ebda introjtu iehor u mhux talli hekk, talli rnexxielu wkoll igemma' somma flus li l-Qorti tqis bhala konsiderevoli fic-cirkostanzi kollha li kien jinsab fihom dak iz-zmien.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi l-verzjoni tal-imputat fix-xhieda tieghu hija wahda kredibbli u attendibbli. Ic-cirkostanzi li fihom instabet id-droga, il-mod kif kienet maqsuma, in-numru ta' pakketti, kif ukoll l-ammont tad-droga involuta – li ma kienx ammont insinjifikanti - iwasslu lill-Qorti sal-konvinciment morali illi d-droga eroina in kwistjoni ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tieni imputazzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien li kkommetta r-reati in kwistjoni, liema fedina kienet tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar serq aggravat u dwar reati bi ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fedina penali aggornata tal-imputat baqghet ma gietx esebita.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat forna lil Sciberras bi droga eroina f'izjed minn okkazzjoni wahda u li fl-ahhar okkazzjoni huwa fornieh b'madwar ghoxrin gramma eroina. Qieset ukoll illi fid-29 ta' Ottubru 2003, l-imputat instab fil-pussess ta' tmint iqratas kontenenti droga eroina f'piz nett totali ta' 1.904 gramma.

Ikkunsidrat ukoll mill-banda l-ohra illi l-imputat ghamel passi ta' ggant miz-zmien li fihom sehhew ir-reati mertu tal-kaz odjern. F'dan is-sens xehdu **Vicky Scicluna**[15], in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa u **Dun Manwel Cordina**[16]. Jirrizulta mix-xhieda ta' Vicky Scicluna, illi l-imputat dahal fi programm residenzjali sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga fit-13 ta' Awwissu 2012 u hareg minnu fis-16 ta' Novembru 2012. Sad-data tax-xhieda tal-istess Scicluna, f'Ottubru 2013, l-imputat baqa' *clean*, kellu mpjieg u kien anke hallas ammont ta' flus sabiex jaghmel *course* li permezz tieghu huwa xtaq jidhol jahdem gewwa l-Oasi sabiex ikun jista' jghin lil haddiehor. Da parti tieghu, Dun Cordina, Direttur Generali tal-Fondazzjoni Oasi, xehed illi l-Fondazzjoni kien bi hsiebha timpjega lill-imputat sabiex hu jkun *role model* ghal ohrajn li jfittxu s-servizzi tal-istess Fondazzjoni.

Fil-waqt illi l-imputat ghandu certament ihallas il-kontijiet tieghu mas-socjeta` in konnessjoni mar-reati odjerni, li certament ukoll li huma reati serjissimi, biss din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-isforzi genwini li jidher li ghamel l-imputat minn dak iz-zmien l'hawn u li huwa stess illum qed ikun ta' ghajnuna ghal ohrajn li jinsabu fic-cirkostanzi li kien sab ruhu fihom huwa stess.

In oltre ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 17 (b) u (f) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **erbatax-il (14) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elf u**

[15] A fol. 158 *et seq* tal-process.
[16] A fol. 162 *et seq* tal-process.

**hames mitt Euro (€1,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-mori ta' dawn il-proceduri a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tas-sena 2005, ossia l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, tmienja u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centemzu (€428.48), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti tal-Process Verbal numru 1161/05, maghluq fid-29 ta' Awwissu 2005[17], hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll il-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tal-flus elevati mill-pussess tal-imputat, esebiti bhala Dokument NH5 u konsistenti fis-somma ta' elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm1,700), disa' mija u hmistax-il Euro (€915), sitt mija u hmistax-il Dollaru Awstraljan (AUD 615), tmenin Lira Sterlina (£ 80) u 1 Dollaru

[17] Esebit a fol. 17 tal-process.

Amerikan ($ 1) u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------